## KUNSILL LOKALI MARSAXLOKK

# Rapport Annwali Amministrattiv

Jannar – Diċembru 2021

| Werrej | Paġna |
| --- | --- |
| Introduzzjoni mis-Sindku | 2 |
| Il-Kunsill Lokali | 3 |
| Il-Finanzi tal-Kunsill Lokali | 6 |
| Il-Ħidma tal-Kunsill Lokali | 9 |
| L-iskeda tal-varjazzjoni fid-dħul u fin-nefqa | 11 |

2, Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk

## 1.0 L-Introduzzjoni tas-Sindku

Bħal kull sena f'dan iż-żmien, il-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk johrog ir-rapport amminstrattiv tiegħu ghas-sena li tkun precendti.

Matul is-sena 2021, rajna diversi xogħlijiet jitkomplew fiż-żona tal-Magħluq. Jiddispjaċina li dan ix-xogħol ħa fit-tul iktar milli kien mistenni, però llum nistgħu naraw li wasalna fl-aħħar fażijiet tiegħu u bħal ma jista' jara kullħadd din iż-żona, li tibda mill-Pjazza prinċipali sal-Magħluq, ħadet dehra kompletament ġdida. Dan kollu sar grazzi għal kollaborazzjoni li l-Kunsill Lokali kellu mal-Ministeru għat-Turiżmu flimkien mal-GHRC. Biex il-proġett taż-żona tal-Magħluq ikun iktar ħolistiku, applikajna għal fondi maħruġa mill-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, sabiex isir upgrade fil-Bandli tal-Magħluq. Ix-xogħol fuq il-bandli tlesta u llum għandna apparat iktar modern u addadat għal kull età.

Komplejna ukoll xogħol ta' tisbieħ fis-centerstrip li minn Triq Għar Dalam tagħti għad-daħla ta' Marsaxlokk. Dan grazzi għall-Ministeru għall-Ambjent, Enerġija u Intrapriża. Bdew wkoll Triq il-Kajjik, Triq iċ-Ċippi u Triq iż-Żejtun (il-parti ta' fuq) minn Infrastructure Malta fi ħdan il-Ministeru tal-Infrastruttura u Proġetti Kapitali.

Konxju mill-bżonnijiet tan-nies tal-lokal, il-Kunsill permezz ta' skema dwar Finanzjament ta' Proġetti Kapitali Aċċessibilità u Mobilità, ħa ħsieb japplika ghall-vettura sabiex ikun ipprovdut trasport għall-appuntamenti ta' kliniċi u sptar għal min hu anzjan u m'għandux mezz ta' trasport alternattiv.

Bi qbil unanimu mill-Kunsill u bil-għajnuna ta' fondi minn skema maħruġa mill-LESA, applikajna sabiex ikollna diversi CCTV cameras matul Xatt is-Sajjieda u postijiet oħra sabiex ikun hemm aktar sorveljanza u b'hekk jitnaqqas l-abbuż f'dawn iż-żoni.

F'isem sħabi l-Kunsilliera u l-Amministrazzjoni tal-Kunsill u l-ħaddiema nirringrazzja lil kulhadd.

**Steven Grech**
*Sindku*

# 2.0 Il-Kunsill Lokali

## 2.1 Il-Kunsill

Marsaxlokk huwa raħal zgħir b'popolazzjoni ta' madwar circa 4000 persuna. Għalhekk il-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk huwa kompost minn ħames Kunsilliera, bis-Sindku u l-Viċi-Sindku eletti direttament mill-poplu għal matul din il-legislatura ta ħames snin. Is-Sindku flimkien mal-Kunsill iddeterminat li jimplimenta numru ta' inizjattivi u proġetti fil-lokalità għall-ġid tar-raħal u tal-komunità Xlukkajra.

Matul l-2021, il-parti Amministrattiva tal-Kunsill Lokali kienet fidejn id-Deputat Segretarju Eżekuttiv li kien megħjun biss minn Assistent Prinċipal u l-bqija tal-staff. Flimkien l-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali tieħu ħsieb tikkoordina l-ħidma kollha tal-Kunsill Lokali, tikkontrolla l-finanzi u fuq kollox timplimenta d-deċiżjonijiet li jittieħdu mill-Kunsilliera fis-seduti tal-Kunsill Lokali. Dan ix xoghol bi pjacir nghid li qed isir b diligenza kbira minn naha tal istaff kollu.

Il-pjan ta' ħidma tal-Kunsill Lokali jiġi ffaċilitat bil-ħidma ta' diversi individwi. Fost dawn insibu l-Haddiema Assenjati, għajnuna volontarja.



## 2.2 Responsabilitajiet tal-Kunsilliera

Hija prerogattiva tas-Sindku li kull Kunsillier elett jingħata responsabbilitajiet ta' setturi varji biex fihom kull Kunsillier jaħdem biex il-programm elettorali u l-implimentazzjoni tal-pjan ta' ħidma tal-Kunsill ikun iffaċilitat. Għal dan il-għan, ir-responsabbilitajiet tal-Kunsilliera u tas-Sindku innifisha kif deċiż mis-Sindku kienu dawn:

**Steven Grech – Sindku**
*Responsabbli minn*: L-Ambjent, Innovazzjoni, Infrastruttura, Proġetti, Ġustizzja, Riformi

**Elenia Desira – Viċi-Sindku**
*Responsabbli minn*: Indafa Pubblika, Integrazzjoni Soċjali, Fondi Ewropej, Kura u Saħħa Pubblika

**Dr.Janice Chetcuti – Kunsillier**
*Responsabbli minn*: Sports u Attivitajiet Fiżiċi, Edukazzjoni, Anzjani, Ħarsien tal-Animali

**Daniel Zerafa – Kunsiller**
*Responsabbli minn:* Kultura u Turiżmu, Wirt Storiku, Komunitajiet – Federazzjoni Għaqdiet Xlukkajri, Żgħażagħ u Tfal, Awtorità tal-Ippjanar

**Stephen Caruana – Kunsillier**
*Responsabbli minn:* Sajjieda, Qasam Soċjali, Persuni bi bżonijjiet speċjali, Dawl tat-toroq,

## 2.3 B Attendenza għas-seduti tal-Kunsill Lokali

Bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ta' Diċembru 2021, fit-tmien leġislatura inżammu tlettax -il laqgħa (13) u l-attendenza kienet is-segwenti:

| | *Kunsillier* | *Laqgħat* | *Preżenti* | *Assenti* | *Assenti b'ġustifikazzjoni* |
|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Steven Grech | 13 | 13 | 0 | 0 |
| 2 | Elenia Desira | 13 | 13 | 0 | 0 |
| 3 | Janice Chetcuti | 13 | 13 | 0 | 0 |
| 4 | Daniel Zerafa | 13 | 13 | 0 | 0 |
| 5 | Stephen Caruana | 13 | 12 | 0 | 1 |

## 2.4 L-Amministrazzjoni tal-Kunsill

L-Amministrazzjoni kollu tal-Kunsill iwettaq b'ħidma kontinwa r-responsabbiltajiet kollha tal-Kunsill u huwa impossibli li wieħed jelenka bid-dettalji kollha l-ħidma li jwettqu l-impjegati tal-Kunsill. Ix-xogħol meħtieġ sabiex jirnexxu kemm il-laqgħat, kif ukoll kull xogħol ieħor tal-Kunsill f'Marsaxlokk, ħafna drabi jkun impenjattiv, xogħol li jkun mibni, ippreparat u jitlesta mill-impjegati tal-Kunsill. Ta' dan nirringrazzja l-ħidma bla waqfien li dejjem jagħtu l-impjegati kollha tal-Kunsill, ħafna drabi b'xogħol ukoll barra mill-ħin normali, u dan kollu jagħmel is-suċċess kbir li l-Kunsill ta' Marsaxlokk qed jikseb.

L-Amministrazzjoni tal-Kunsill hija komposta kif ġej:

| | |
|---|---|
| **Is-Sur Carmel Attard**<br>*Deputat Segretarju Eżekuttiv* | Responsabbli mill-operat sħiħ tal-Kunsill Lokali, l-Amministrazzjoni, finanzi, riżorsi umani, |
| **Is-Sur Jordy Brincat**<br>*Assistent Prinċipal* | Responsabbli mill-korrispondenza, attivitajiet kulturali, *social media*, pubblikazzjonijiet u jassisti lid-Deputat Segretarju Ezekuttiv. |
| **Is-Sa. Caroline Desira**<br>*Assistent Prinċipal* | Responsabbli mill-accounts tal-Kunsill, l-aġġornar tal-websites, tenders u relazzjoni mal-klijenti. |
| **Is-Sa. Joan Mifsud**<br>*Assistent Principal* | Responsabbli mir-relazzjonijiet mal-klijenti, accounts, procurement, cash office, u xogħol ta' rutina fl-uffiċċju. |
| **Is-Sa. Nadine Camilleri**<br>*Supervisor* | Responsabbli, Spezzjonijiet fuq barra, verifikazzjoni tal-permessi marhrugin, assistenza f'attivtajiet kulturali, korsijiet u xoghol iehor. |
| **Is-Sa. Charon Marie Leckey**<br>*Skrivana Assenjata* | Responsabbli għar-relazzjonijiet mal-klijenti, ilmenti, u cash office |

*Ma' dawn il-Kunsill ghandu numru ta' haddiema assenjati mieghu ill-RSSL u District Operations.*

*Il-Konsulenti professjonali li jintuzaw mill-Kunsill huma:*

| | | |
|---|---|---|
| Servizz Legali | - | Dr Richard Sladden |
| Servizz ta' Perit | - | Perit Robert Grech |
| Serizzi ta' Accountancy | - | Sa. Doreen Mintoff |
| Servizz ta' DPO | - | Sur Adrian Mifsud |

# 3.0 Il-Finanzi tal-Kunsill Lokali

## 3.1 Il-Finanzi tal-Kunsill

3. **Funds received from central government**

| | 2021 € | 2020 € |
|---|---|---|
| In terms of section 55 of the Local Council Act | 385,500 | 374,586 |
| Other Government Income | 39,273 | 73,972 |
| | 424,773 | 448,558 |

4. **Local Enforcement Income**

| | 2021 € | 2020 € |
|---|---|---|
| Contraventions & other fines | - | (58) |
| Income for LES administration fees | 1,148 | 711 |
| | 1,148 | 653 |

12

**Local Council Marsaxlokk**

**Notes to the Financial Statements for the year ended 31 December 2021**

5. **Investment Income**

| | 2021 € | 2020 € |
|---|---|---|
| Bank Interest | 1 | 7 |
| | 1 | 7 |

## 6. General Income

| | 2021 € | 2020 € |
|---|---|---|
| Income from courses | 341 | 800 |
| Media Advertising | - | 1,320 |
| Donations | - | 175 |
| Contributions | 3,080 | 3,000 |
| Insurance Claims | 548 | 708 |
| Income from Permits | 10,573 | 9,938 |
| | 14,542 | 15,941 |

## 7. (Loss)/ Profit for the year

| | 2021 € | 2020 € |
|---|---|---|
| Profit for the year is stated after charging: | | |
| Staff salaries | 116,471 | 108,802 |
| Deprecation of non-current assets | 53,135 | 49,188 |

**Local Council Marsaxlokk**

**Notes to the Financial Statements for the year ended 31 December 2021**

## 8. Personal Emoluments

| | 2021 € | 2020 € |
|---|---|---|
| Mayor's Honoraria | 10,571 | 10,404 |
| Mayor's & Councillors' Allowance | 13,000 | 13,000 |
| Executive Secretary Salary and Allowances | 16,757 | 14,603 |
| Employees' Salaries | 69,856 | 64,811 |
| Social Security Contributions | 6,287 | 5,984 |
| | 116,471 | 108,802 |

**9. Operations and Maintenance**

| | 2021 € | 2020 € |
|---|---|---|
| *Repairs and Upkeep:* | | |
| Public Property | 1,918 | 6,908 |
| Road/Street Pavements | 52 | 110 |
| Signs and road markings | 1,745 | 4,608 |
| Road & Street Patching | 446 | 465 |
| Office Furniture and Equipment | 1,688 | 4,919 |
| Plant & Equipment | 345 | 5,094 |
| Sundry Repairs | - | 80 |
| Other repairs and upkeep | 486 | 470 |
| Council property | 456 | 3,588 |
| | 7,136 | 26.242 |

| | | |
|---|---|---|
| *Contractual Services:* | | |
| Refuse Collection | 47,562 | 51,455 |
| Bulky Refuse Collection | 13,425 | 7,659 |
| Tipping fees | 21,038 | 23,031 |
| Hire of Open Skips | 1,369 | 94 |
| Road & Street Cleaning | 26,528 | 24,241 |
| Cleaning & Maintenance of Non-Urban Roads | 618 | 767 |
| Cleaning – Public Conveniences | 14,620 | 13,965 |
| Cleaning – Council Premises | 44 | 455 |
| Other Contractual Services | - | 13,383 |
| Cleaning & Maintenance Parks & Garden | 26,812 | 18,980 |
| Clean. & Maint. Soft Areas | - | 96 |
| Clean. & Maint. Beaches | - | 420 |
| Street Lighting | 17,760 | 13,614 |
| Studies & Consultations | 531 | - |
| Local Enforcement Expenses | 49 | 23 |
| | 170,356 | 168,183 |
| | 177,492 | 194,425 |

14

## 10. Administrative and other expenditures

| | 2021 € | 2020 € |
|---|---|---|
| Utilities | 10,463 | 9,336 |
| Uniforms | 1,394 | 280 |
| Sundry materials & supplies | 8,846 | 7,902 |
| Rent | 8,834 | 8,434 |
| Participation fee – Nat. Mtg. | - | 86 |
| Printing | 5,362 | 4,698 |
| Stationery | 1,723 | 1,720 |
| Subscriptions | - | 504 |
| Couriers | 1,916 | 2,098 |
| Postages | 120 | 322 |
| Transport | 3,761 | 3,061 |
| Information Services | 6,575 | 4,464 |
| Insurance Coverage | 4,087 | 1,840 |
| Bank Charges | 348 | 150 |
| IT Development Services | 13,032 | 8,370 |
| Legal services | 7,555 | 3,844 |
| Accounting services | 7,452 | 7,281 |
| Professional services | 280 | - |
| Medical services | - | 2,087 |
| Other support services | 18,636 | 13,085 |
| Entertainment | 480 | - |
| Other Hospitality Costs | 1,029 | 437 |
| Social Events | - | 11,556 |
| Community Services | 18,168 | - |
| Provision for LES receivable | (151) | (155) |
| Amortisation and Deprecation | 53,135 | 49,188 |
| | 173,045 | 140,588 |

## 4.0 Il-Ħidma tal-Kunsill

### 4.1 Rapport ta' ħidma

Għaddiet sena oħra għaldaqstant u qed nagħti rendikont tal-ħidma li saret fi ħdan il-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk. Wara diversi laqgħat u diskussjonijiet, saru mill-ġdid madwar 12-il triq fil-lokalità, grazzi għall-Infrastrucure Malta. Ma' dawn tkompla l-proġett tal-bajja tal-Magħluq, Triq il-Wilġa, Tourist Information Office ġdid u nbeda l-upgrading tal-Bandli tal-Magħluq. Fl-istess żona qed isir xogħol fuq il-pontuni u l-mollijiet tal-madwar. Ma' dawn insemmu wkoll ir-regerneration plan li qed isir bħalissa fil-Magħluq li qed jitmexxa mis-Sur Gino Cauchi (GHRC) u bil-koperazzjoni tal-Ministru tat-Turiżmu l-Onor. Clayton Bartolo.

Applikajna għal diversi skemi fosthom: fondi mill-LESA, applikazzjoni għall-xiri ta' vettura ġdida għall-użu tal-Kommunità u, diversi applikazzjonijiet sabiex jingiebu fondi sabiex inkomplu intejjbu il-lokalità. Sar xogħol ta' restawr marbut mal-istatwa ta' Sant'Andrija u n-niċċa tar-Redentur. Grazzi tmur lill-Onor. Dr.Owen Bonnici li kien involut f'dawn l-inizjattivi.

Fil-Pjazza prinċipali tħawwlu diversi pjanti u xtieli. Saru wkoll railings mad-dawra tal-Knisja flimkien ma' xogħol ta' żebgħa mad-dawra tas-Santwarju. Inħietu diversi bnadar ġodda għall-arblu tal-Kunsill.

F'Xatt is-Sajjieda, inżabru u tnaddfu l-palm kollha u ġie installat dawl ġdid ma' kull palma. Saru l-marki tal-istainless steel tal-bejjiegħa tal-monti ta' nhar ta' Ħadd. Tajjeb wieħed jinnota li dan ġie re-organizzat mill-ġdid. Ġew installati 3 AED's mad-dawra tal-promenade. Saru l-partitions tal-injam fuq il-bankina biswit ir-ristoranti ta' fejn hemm il-permessi. Man-naħa tal-baħar saret linja safra kontinwa biex jindika l-passaġġ liberu għall-pedonali.

Ġewwa l-uffiċċju amminstrattiv, sar rinnovar tal-binja. Saru tibdilijiet fid-dehra, is-sistema tal-IT u Network. Inħossu li hemm il-ħtieġa ta' binja alternattiva ġdida, u li fiha tkun tinkorpora fiha diversi servizzi għal-komunità bħal servizz postali, servizzi soċjali, FSWS u librerija ġdida u għalhekk għadna għaddejjin bit-taħdidiet sabiex dan il-proġett ambizzjuż jimmaterjalizza. Infetħet klinika ġdida tal-Komunità. Grazzi tmur lill-Onor.Dr.Chris Fearne.

Wara diversi lmenti ta' nuqqas ta' dawl biswit il-Kappella ta' San Pietru, sar dawl ġdid mar-roundabout ta' Triq iż-Żejtun flimkien ma' diversi tabelli ġodda. Saru l-breakwaters tal-Magħluq u ieħor biswit il-Waterpolo club. Ma' dawn komplejna x-xogħlijiet ta' tindif u ġbir ta' skart mormi llegalment f'diversi żoni.

Matul is-sena saru diversi attivitajiet fosthom ħarġiet kulturali u anki attivitajiet sportivi li qed isiru fuq bażi regolari. Fil-Milied żejjinna diversi toroq u nħadmet siġra kbira tal-Milied li tpoġġiet fil-pjazza u li ntgħogbot ferm tant li ser tkun qed issir ta' kull sena. Sar kunċert marbut mal-Ġimgħa Mqaddsa, 'Signum Crucis', flimkien mar-Reġjun tan-Nofsinhar. Bħal kull sena ippublikajna l-Kalendarju li jitqassam b'xejn lil kull resident.

F'dawn l-aħħar ġimgħat qed isiru diskussjonijiet dwar l-masterplan maħsub għall-Xatt is-Sajjieda. Nittamaw li dan jiġi skattat fix-xhur li ġejjin.
Nirringrazzja lill-Kunsilliera lill-ħaddiema kollha u lilkom residenti tal-koperazzjoni kollha li nsibu mingħandkom. Il-ħidma u r-riżultati miksuba se jkomplu jissarafu fil-ġimgħat li ġejjin għall-benifiċċju tal-lokalità.

**Charles Attard**
*Deputat Segretarju Ezekuttiv*

# 5.0 L-iskeda tal-Varjazzjoni fid-dħul u fin-nefqa

## 5.1 L-iskeda tal-Varjazzjonijiet konsolidati fid-Dhul u fl-Infiq

| | Notes | 2021<br>€ | 2020<br>€ |
|---|---|---|---|
| Funds received from Central Government | 3 | 424,773 | 448,558 |
| Income raised under Local Enforcement System | 4 | 1,148 | 653 |
| General Income | 6 | 14,542 | 15,941 |
| | | 440,463 | 465,152 |
| **Expenditure** | | | |
| Personal Emoluments | 8 | (116,471) | (108,802) |
| Operations and maintenance | 9 | (177,492) | (194,425) |
| Administration and other expenditure | 10 | (173,045) | (140,588) |
| | | (467,008) | (443,815) |
| **Operating (loss)/ profit for the year** | | (26,545) | 21,337 |
| Finance income | 5 | 1 | 7 |
| **(Loss)/ Profit for the year** | 7 | (26,544) | 21,344 |

## Statement of Affairs

| | Notes | 2021 € | 2020 € |
|---|---|---|---|
| **ASSETS** | | | |
| **Non-current assets** | | | |
| Property, plant and equipment | 11 | 151,347 | 154,425 |
| **Current Assets** | | | |
| Receivables | 12 | 28,854 | 34,707 |
| Cash and cash equivalents | 13 | 311,946 | 300,732 |
| **Total current assets** | | 340,800 | 335,439 |
| **Total Assets** | | 492,147 | 489,864 |
| **Reserves** | | | |
| Retained earnings | | 380,012 | 406,556 |
| | | 380,012 | 406,556 |
| **Current Liabilities** | | | |
| Trade and other payables | 14 | 112,135 | 83,308 |
| | | 112,135 | 83,308 |
| **Total equity and liabilities** | | 492,147 | 489,864 |

# RAPPORT TA` HIDMA MILL-KUNSILLIERA

## Rapport ta' ħidma mill-Kunsillier Stephen Caruana

Il-hidma tieghi ilha li bdiet fil-Kunsill lura mis-sena 2000. Bhala dekasteri jien responsabbli mis-Sajjieda, Persuni bi Bzonnijiet Specjali, Qasam Socjali u Dawl tat-Toroq.

Matul is-sena 2021 attendejt ghal diversi laqghat fil-qasam tas-Sajd. Dawn il-laqghat kienu dwar il-puntuni, skalin u l-breakwater u dwar il-progett tal-Maghluq mal-Kopperativi tas-Sajd. Fil-fatt illum il-gurnata x-xogholijiet qed isiru hekk kif kien miftiehem.

Niehu hsieb ukoll l-attivitajiet socjali. Saru l-bandli u li fiha hemm bandla ghall-persuni bi bżonnijiet specjali.

Fir-rigward id-dawl tat-toroq naghmlu mezz biex dawn jissewwew mill-aktar fis, gieli kellna sitwazzjonijiet fejn il-kaz jiehu aktar fit-tul peressli l-hsara ma tkunx biss min naha taghna izda jkunu jridu jigu riferuti lil Enemalta. Fejn kien hemm bzonn li jizdiedu xi bozoz zdiedu wkoll.

Il-hidma, u l-hegga qawwija tieghi u li ghandi dejjem tkompli ghal gid tar-residenti u tal-Lokal.

**Stephen Caruana**
**Kunsillier**

**Rapport ta' ħidma mill-Kunsillier Dr. Mary Muscat**
Kunsilliera u Minority Leader

Jiena ħadt il-ġurament fis-27 t'Ottubru 2022, wara li ġejt co-opted minflok Dr Janice Chetcuti. Għandi tliet dekasteri, li kienu parti mill-portafoll ta' Dr Chetcuti:

1. Harsien tal-Annimali
2. Anzjani
3. Edukazzjoni

Sal-aħħar tas-sena bi ħsiebni nagħmel il-kuntatti tiegħi mal-persuni involuti f'dawn l-oqsma sabiex mis-sena d-dieħla, infassal magħhom programm ta' ħidma.

**Dr Mary Muscat**
**Kunsillier**

## Rapport ta' ħidma mill-Viċi Sindku Elenia Desira

Għal sena oħra konsekuttiva l-kunsill ipparteċipa fil-ġimgħa biex iżid l-għarfien dwar l-indafa madwar id-dinja li tiġi organizzata f settembru, fejn ġiet imtella clean up flimkien mal-NGO Żibel u permezz ta skema maħruġa mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali inatajna fondi biex din tkun tista tittela. Fil-Clean up  kellna numru ta' għaddasa li naddaf il-qiegħ tal-baħar ġewwa St peters pool f dellimara u l-madwar.

**Elenia Desira**
**Viċi Sindku**

## Rapport ta' ħidma mill-Kunsillier Daniel Zerafa

Matul is-sena isiru għadd ta' ħidmiet iżda nelenka dawn li forsi huma l-aktar li huma mportanti. Tkun tixtieq tagħmel iżjed, iżda l-irbit burokratiku, nuqqas ta' awtonomija u riżorsi jillimta il-ħidma mixtieqa.

Bħala żvillup residenzjali kont partecipi f'diversi bordijiet u diskussjoni fuq pjanar minn entitajiet privati u kemm govenativi, fejn tajna decizjonijiet u azzjonijiet fejn kien hemm bzonn il-kunsill jagixxi. fosthom fuq progetti li qegħdin/ġew finalizzati u oħrajn li għad iridu jiġu implimentati. Tajna aktar importanza fuq ġonna fejn se nippreservaw li hemm, noħolqu iżjed ġodda (li hemm 2 fil-pjan) u oħra li ġew imfassla ġo proġetti ta' blokok mill-privati kif mitlub mill-Att.

Pero kellna id-disfatti fuq oħrajn speċjalment fuq iċ-ċentru ċiviku, li tant ħadilna ħin u riżorsi illi ma immaterjalizzax minn-pessjoni mill-OPM. Telfa oħra kien fuq estensjoni fuq barumbara storika li gie mghoti permess sabiex bini illegali u sular addizjonali ingħataw anke wara 4 snin aopelli, mentri barumbara oħtmra li qegħda taqa u minfloka trid tghaddi triq kif hemm fil pjan lokali għadna nsibu gambetti. Fadal iżjed fosthom il-propost proġett tal-ground mill-klabb tal-football fejn qiegċed ikun każ jaħraq rigward binja ta home ta hames sulari seafront. Dan joħloq dannu u preċedent fuq il-UCA tal-Lokal.

Aktar toroq saru iżda jifdal oħrajn li jeħtieġ isiru sabiex jitwettaq traffic managment gdid. Sar ukoll eżerċizzju biex jissemmew 27 sqaq u triq bla isem li ser jgħina fil-gwida stradali.

Aktar ma jiġi approvat bini fejn hu stmat li jiżdied b-elf unit f'ħames snin, dan jirrigwardja ukoll iż-żieda ta'skart li jiġi iġġenerat aktar kemm jiżdied bini u aktar jiġu residenti jabitaw fil-lokal. Fl-istess ħin diskussjonijet fuq distribuzzjoni ta' dawl u drenaġġ jiġi diskuss spiss sabiex jitnaqqsu l-inkonvenjenzi u tiżdied il-kwalita'.

Permezz ta' cameras tas- sigurta u osservażżjoni individwali f' ċerta żoni, inqabbdu ukoll diversi illegaċitajiet ta rimi ta skart domestiku u kunmwerjali fejn dejjem ħadna pass biex nedukaw jew oltre fejn ma ikunx hemm solvenza.

Delimara dejjem bicca iebsa fejn jirrigwardja tindif u sigurta', bhala żona rurali u mimmlija bajjiet, qegħda issir aktar turistika u imfittxija mill-Maltin hekk kif l-aċċess tat-triq sar ġdid u aktar aċċessibli. L-ammont ta nies li iżuru din il-peniżola difficli sabiex issib l-infurzar spiss nirraporta isir ħafna illegalitajiet li isiru f dawn iz-zoni fosthom rimi illegali ta'skart, kampijiet bla permess, nirien miftuha u sfreġju ġo żoni storiċi.

Kompliet il-hidma fuq sena ta'qabel rigward progett ewropew tal- JRC xprunat mill CPD fuq sistema ta'prevenzjoni f kaz ta Tsunami fejn se nidħlu ġo proġramm ġdid ma l-Universita' ta' Malta sabiex tissaħħaħ is-sistema u proċedura biex b' hekk tkunn tista tespandi fuq l-irħula u bliet kostali gradwalment.

Bhal Dejjem il-kunsill jibqa kommess jghin lil-ghaqdiet filantropici tar-rahal kif ukoll kull entitajiet ohra li jitolbu direzzjoni jew ghajnuna specjalment fi żmien il-festa u waqt attivtajiet matul is-sena.

Flimkien ma attivitajiet kulturali bħal fishfest, festa, milied, san girgor u 8 ta' Mejju, anke jekk membru fl-għaqdiet, il-kunsill dejjem u jibqa forċina. Iżjed attivitajiet kulturali huma mixtieqa bħal ma hu ritorn tal-Festival tan-nar, iżda din ħidma għal sena oħra.

Bħal ma hi ħidma biex jiġi restawrat it-Torri Vendome u tinbena mill-ġdid l-Għajn tal-Hasselin, wirt storiku li irid jingħata lura lix-Xlukkajri.

Bhala clean-up days saru diversi kemm personali u kemm mill-Kunsill, l-aktar notati dawk ta' ġol baħar fil-Kalanka tal-Qali, tal-Qrejten u il-Magħluq. Apparti ir-rapporti kontinwi waqt li nkun għaddej bir-rondi, il-kunsill dejjem inaddaf rimi illegli u skart iehor sabiex izomm ir-rahal dicenti u nadif kif jixraq lil-pubbliku tieghu.

Fuq mwejjed u siġġijiet, Wara snin ta' pressjoni mingħajr suċċess fejn l-awtoritajiet farfru mir-responsabilta' il-kunsill beda jimpċimenta u miżuru u ser iżid minnhom sabiex dawn ikunu organizzati, kif ukoll isiru posti tal-monti ta' fost il-ġimgħa, u vendi tal-boatrips. Dawn huma passi li iressqu ir-twettiq tal-masterplan ilu deċenju ikaxkar biex isir. Il-kunsill kommess iwettaq wieħed ġdid sabiex jinħoloq il-bilanċ mixtieq.

Ultimament f'sena tilqa mijiet ta' ilmenti u kritika, impossobli issolvi kollox u taghti raġun, pero sodisfatt f'dak il-ftit li jirnexxi aħseb u ara kieku ir-riżorsi u awtonomija ikunu akbar f'idejn il-kunsill.

**Daniel Zerafa**
**Kunsillier**